**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Ġurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Familja**

**Maġistrat Dottor Brigitte Sultana LL.D, LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, il-Ħamis, 30 ta' Marzu 2023**

**Rikors Ġuramentat numru:- 7/2018BS**

**DPN**

**-vs-**

**GJAN**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur DPN illi ppremetta:**

1. Illi l-partijiet isseparaw personalment u legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Anna Maria Mizzi, datat l-ghoxrin ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (20.09.2016);

2. llli a tenur tal-istess kuntratt, kopja ta' liema tinsab annessa u mmarkata bhala Dokument 'A', l-esponenti obbliga ruhu illi jhallas lil martu l-ammont mensili ta' mitejn Ewro in linea ta' manteniment. L-esponenti obbliga ruhu ultirjorment illi l-imsemmi ammont ghandu jizdied b'hamsin Ewro kull darba illi xi hadd minn ulied il-partijiet ma

jibqax intitolat jircievi l-manteniment u li, di piu', l-ammont ghandu jigi aggustat kull sena in linea mar-rata tal-gholi tal-hajja. Dan apparti l-obbligazzjoni li l-missier jgħaddi wkoll l-ammont ta' hamsin Ewro ghal kull bint;

3. Illi c-cirkostanzi finanzjarji tal-esponenti inbidlu u dana kif ser jigi spjegat ahjar tul is-smiegh ta' din il-kawza;

4. Illi a kawza ta' dan ic-cirkostanzi, is-sitwazzjoni finanzjarja tal-esponenti tbiddlet drastikament tant li l-esponenti ma jistax ikompli jhallas il-manteniment hekk kif pattwit fil-kuntratt ta' separazzjoni personali, u dan kif ser jigi ppruvat ahjar fil-mori ta' din il-kawza;

5. Illi l-esponent ihoss li c-cirkostanzi partikolari tieghu jagħtu lok ghal revizjoni tal-istess kuntratt ta' separazzjoni għal dak illi jirrigwarda l-manteniment pattwit u għalhekk qed jipprocedi f'din l-istanza;

6. Illi kif ser jigi ppruvat fil-kawza, il-mezzi tal-konvenuta huma hafna iktar floridi minn dawk tal-esponenti;

7. Illi l-esponenti gie awtorizzat illi jipprocedi f'din l-istanza permezz ta' Digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni tal-Familja, anness u mmarkat bhala Dokument 'B';

8. Illi l-esponenti jaf bil-fatti suesposti personalment.

**Talab lil dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi:**

1. Tikkonsidra l-mezzi rispettivi ta' kull parti u tiddikjara li c-cirkostanzi finanzjarji tal-esponenti ddeterjoraw minn mindu l-partijiet isseparaw legalment;
2. Konsegwentement, timmodifika billi tordna tnaqqis fil-manteniment li l-espoennti ghandu jghaddi lill-konvenuta.

Bl-ispejjez u bl-imghaz kontra l-konvenuta li qiegħda minn issa tigi ingunta in subizzjoni.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta GJAN illi eċċepiet:**

1. Illi jirrizulta illi t-talbiet attriċi huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt, u għandhom jiġu michuda bl-ispejjeż kollha kontra l-attur u dana stante illi dak kollu li qed jinghad mill-istess attur huwa totalment inveritjier;

2. Illi hekk kif jirrizulta fic-car mil-kuntratt innifsu, l-istess konvenuta hallset ammont sostanzjali lill-istess attur u dana l-istess ammont thallas a saldu tal-pretensjonijiet tal-istess attur u l-attur obbliga ruhu li jhallas l-imsemmi manteniment wara li saru l-ekwiparazzjonijiet relattivi;

3. Illi in oltre jirrizulta ukoll illi t-talbiet tal-attur ma jistghux jigu milqugha u dana stante illi anke jekk tipprova tingħata l-impressjoni li b'xi mod jew iehor ic-cirkostanzi tal-attur inbidlu, l-attur ma jistax jinvoka in-nuqqas ta' ghaqal tieghu sabiex issa, snin wara s-separazzjoni personali tieghu jipprova jgieghel lil martu terfa kwalsiasi piz ta' kwalsiasi decizjonijiet zbaljati tieghu;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes kontra l-istess attur.

Rat li din il-kawża ġiet assenjata lilha fil-5 ta’ Marzu, 2021.[1]

Rat id-dokumenti ppreżentati.

Fliet ukoll ix-xhieda kollha mogħtija.

Fliet ukoll id-dokumenti kollha esebiti mill-attur.

---

[11] A fol 185 tal-process

Rat li fis-seduta tad-9 ta' Ottubru, 2020 l-attur iddikjara li ma kellux aktar provi xi jressaq.

Rat li fis-seduta tas-17 ta Novembru, 2022, l-partijiet entrambi iddikjaraw illi l-kawża tista tiġi differita għat-trattazzjoni finali u għas-sentenza.

Rat li fis-seduta tas-17 ta Jannar, 2023, l-abbli difensuri tal-partijiet ittrattaw oralment u l-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Preliminari.**

Permezz tal-kawża odjerna l-attur jgħid illi huwa u l-konvenuta isseparaw permezz ta' kuntratt datat 20 ta' Settembru, 2016. Dak inhar huwa kien obbliga ruħu li jagħti lill-konvenuta is-somma ta' € 200 bħala manteniment u € 50 manteniment għal kull wild. Ġie mifthiem ukoll illi l-ammont ta' € 200 dovut lill-konvenuta kellu jiżdied b'ħamsin ewro kull darba li xi ħadd mill-ulied ma jibqax intitolat li jirċievi l-manteniment hu. Is-somma dovuta bħala manteniment kellha tiġi aġġustata wkoll skond l-għoli tal-ħajja.

L-attur jgħid li s-sitwazzjoni tiegħu minn dak inhar inbidlet u llum ma jistax jibqa jħallas l-ammont f'manteniment kif maqbul. Jgħid ukoll li s-sitwazzjoni finanazjarja tal-konvenuta llum hija tajba u għalhekk jitlob illi jkun hemm varjazzjoni fil-kuntratt ta' separazzjoni billi jkun hemm tnaqqis fl-ammont illi huwa għandu jħallas lill-konvenuta kull xahar bħala manteniment.

Il-konvenuta minn naħa tagħha tilqa' għat-talbiet ta' l-attur billi tgħid li hija ħallset ammont sostanzjali lill-attur għas-saldu tal-pretensjonijiet tiegħu. Issostni illi l-attur ma għandux jgħaddi il-piż ta' nuqqas ta' għaqal tiegħu fuq il-konvenuta billi jippretendi li ma jħallasx il-

manteniment fl-ammont miftiehem. Tgħid li għalhekk it-talbiet ta' l-attur għandhom jiġu miċħuda.

**Xhieda.**

Il-Qorti fliet ix-xhieda mogħtija mir-rappreżentanti tal-Banek lokali. Jirriżulta li l-konvenuta kellha € 212.03 u € 41.71 f'żewġ kontijiet miżmuma fil-Bank of Valletta.[2]

Rigward il-kontijiet f'isem l-attur jirriżulta li DPN għandu żewġ kontijiet mall-Bank of Valletta. Għandu wkoll kont mall-Lombard Bank.

Mix-xhieda mogħtija minn Dr Shaun Apap Meli għad-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali jirriżulta li l-konvenuta tirċievi € 122.23 fil-ġimgħa, € 135.10 kull sitt xhur bħala bonus u bonus speċjali ta' kull ġimgħa fl-ammont ta' €3.12[3], kif ukoll għajnuna supplimentari ta' € 4.57. Jispjega li l-ammont mogħti kull ġimgħa dejjem jiżdied skond l-għoli tal-ħajja.

Rigward il-benefiċċji mogħtija lill-attur jgħid li dan ħa għajnuna tal-mard meta kien marid u fl-2016 ħa wkoll għajnuna supplimentari billi kellu paga baxxa. Jirriżulta li din l-għajnuna ngħatat anke fis-snin 2017 u 2018.

**L-attur DPN** xehed permezz ta' affidavit[4]. Huwa jgħid illi kien kostrett jiftaħ il-kawża odjerna billi s-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu inbidlet ħafna minn meta ġie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni. Jgħid li fl-2016, is-sena li ġie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni huwa kellu dħul ta' € 5000 fis-sena.

Jispjega li riżultat tas-separazzjoni huwa kellu jitlaq mid-dar matrimonjali u jmur jikri post. Minħabba f'dan għandu jħallas is-somma ta' € 180 fix-xahar bħala kera.

[2] Xhieda rapprezentant Bank of Valletta, a fol 26 tal-process
[3] Xbieda a fol 51 tal-process
[4] L_affidavit ta l-attur li jinsab a fol 61 sa fol 64 ma hux komplut. TInnota pero li hemm kopja komplutata l-affidavit a fol 98 sa fol 101tal process

Jtenni wkoll li minħabba ċ-ċirkostanzi li kien qed jiffaċċja ġewwa Għawdex kellu jmur jgħix Malta u l-kera li kellu jibda jħallas telgħet għal €250 fix-xahar.

F'Marzu ta' l-2018 huwa beda jaħdem ta' xufier mall-kumpanija ECabs. Jgħid ukoll li billi dam sitt xhur ma jsib xogħol huwa kellu jiekol mill-flus imfaddlin li kellu.

Jgħid illi wara s-separazzjoni lanqas karozza ma kellu kien anke kostrett jixtri karozza.

L-attur xehed[5] ukoll illi minħabba l-pandemija huwa beda jirċievi € 608 paga fix-xahar. Ippreżenta l-kuntratt tal-kera li turi lil-kera mħallsa minnu tammonta għal € 600 fix-xahar. Ippreżenta wkoll l-employment history tiegħu u dokumenti li juru l-paga li kien qed jirċievi bħala xufier mall-eCabs kif ukoll kemm daħħal bħala dħul gross sa dak inhar tal-paga.

**In kontro eżami** jgħid li huwa llum jirċievi l-penzjoni fl-ammont ta' € 544.76 kif ukoll pensjoni mill-Pulizija Metropolitana Ingliża fl-ammont ta' € 225. Jghid li ċ-ċirkostanzi tiegħu ma nbidlux iżda dak inhar kien għadu ma jirċevix il-penzjoni mill-Pulizija fl-Ingilterra. Jgħid ukoll li meta ssepara huwa kellu dħul ta' € 6000 mentri llum għandu dħul ta' € 7000 pero biex jgħix sew huwa diffiċli. Jgħid li minn għand martu irċieva is-somma ta' € 50,000 li hija somma ferm anqas min-nofs tal-valur tal-propjeta matrimonjali. Jgħid li billi rtira ta' 61 sena huwa ma jistax jaħdem qabel ma jkollu 64 sena. Jafferma illi l-ammont ta' € 50,000 irċevieh kollu minn għand il-konvenuta.

**Marcel Tabone**, rappreżentant tal-JobsPlus xehed illi l-attur illum ma hux impjegat u li l-aħħar li ħadem kien fl-2020.[6]

**In-Nutar Dr Anna Maria Mizzi** xehedet[7] illi l-konvenuta tat lill-attur somma ta' € 50,000 bħala lump sum. Din is-somma tħallset € 20,000 fuq il-kuntratt u € 30,000 fi żmien sena minn meta l-kuntratt ġie ffirmat. Qalet

[5] Xhieda viva voce a fol 84 sa fol 85 tal-process
[6] A fol 207 tal-process
[7] A fol 216 sa fol 218 tal-process

ukoll li meta t-tfal ma jibqgħux intitolati għal manteniment l-omm tirċievi € 50 aktar fix-xahar.

Il-konvenuta xehedet permezz ta' affidavit.[8] Tispjega li meta l-partijiet isseparaw l-attur ma kellux xogħol fiss u għalhekk ma setgħax jakkwista sehem il-konvenuta mill-propjeta. Tgħid li s-somma ta' € 50,000 ħallsithom u r-responsabbilita ta' l-ispejjeż ta' l-ulied ġarrithom kollha hi waħedha kif kien maqbul fil-kuntratt ta' separazzjoni.

Tispjega li l-manteniment kellu jkun ta' € 300, iżda wara l-attur ried li € 50 kellhom jkunu għal kull wild u hi tirċievi € 200. Il-partijiet fthiemu li wara li t-tfal ma jibqgħux aktar intitolati għal manteniment il-€ 50 li kienu qed jingħataw għal ulied tibda toħodhom hi.

**In kontro eżami** tgħid li l-appartament fejn tgħix kien inxtara matul iż-żwieġ.

Xehed ukoll **Andrew Bezzina bħala rappreżentant ta' eCabs**.[9] Dan ix-xhud jgħid li l-attur ittermina hu l-impjieg li kellu ma eCabs. Jispjega li l-paga gross ta' l-attur kienet € 16,200 tiżdied għal € 16,800.

**Ikkunsidrat**

Imiss issa għal din il-Qorti biex tiżen il-provi mressqa quddiemha u dan fid-dawl tat-talbiet ta' l-attur li qed jitlob li din il-Qorti tara sew il-mezzi ta' kull parti u wara dan l-eżerċizzju tnaqqas il-manteniment li l-attur qed iħallas lill-konvenuta billi skond hu il-mezzi finanzjarji tiegħu naqsu sew mentri l-qagħda finanzjarja tal-konvenuta hija waħda tajba.

L-ewwel nett in tema legali għandu jingħad illi ġia la darba t-talba ta' l-attur hija maħsuba sabiex jkun hemm varjazzjoni fil-klawsola kuntrattwali li tirrigwarda l-manteniment, il-punt tat-tluq għandu jkun li dak pattwit f'kuntratt huwa vinkolanti bejn il-partijiet u jitqies li huwa liġi għall-partijiet u dan abbażi tal-prinċipju *pacta sunt servanda*. Tali prinċipju

---

[8] A fol 265 tal-process
[9] Seduta 17 ta Novembru, 2022.

jinstab ll-Artikolu 992 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi kif ġej:

*"(1) Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta'liġi għal dawk li jkunu għamluhom.*

*(2) Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi".*

Dan il-prinċipju huwa meqjus bħala pedament important ħafna meta hemm kuntratt bejn il-kontraenti billi jirrikjedi li tiġi rispettata l-volonta' tal-partijiet kif ukoll ir-rabta kontrattwali u konsegwentement dak maqbul f'kuntratt ma jistgħax jiġi mittifies unilateralment minn xi waħda mill-partijiet. Minħabba f'dan il-prinċipju bażilari l-liġi stess teżiġi illi kuntratt jista' jiġi biss mħassar bil-kunsens tal-partijiet jew għal raġunijiet stipulati fil-liġi stess.

Infatti ġie ritenut illi *"Huwa certament minnu li mill-punto di vista etiku u anke legali li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti in bona fede u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom izda ukoll ghall konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obligazzoni skont ix-xorta taghha bl-ekwita', bl-uzu jew bil-ligi..."*[10]

Billi l-każ odjern jittratta każ ta' kuntratt ta' separazzjoni l-Qorti tqis illi *"Il-kuntratti ta' separazzjoni konsenswali pero' huma kuntratti partikolari u normalment jittrattaw tlett tipi ta' obbligazzjonijiet - dawk purament personali, dawk purament proprietarji, u dawk misti. Fl-obbligazzjonijiet purament personali bhal ma hija l-kwistjoni tal-kura u kustodja tal-minuri ma hemmx dubbju illi, anke fl-interess suprem tal-minuri, il-Qorti tista' fi kwalunkwe hin tbiddel anke dak pattwit mill-partijiet fejn ic-cirkostanzi hekk jirrikjedu. Ghall-kuntrarju, per ezempju, fil-likwidazzjoni u assenjazzjoni reciproka tal-komunjoni ta' l-akkwisti l-Qorti hija totalment marbuta bil-kunsens tal-partijiet u dak deciz minnhom ma jistax jigi varjat ikunu x'ikunu c-cirkostanzi li jinqalghu. Il-pagament ta' l-alimenti u mill-1993 id-decizjoni dwar id-dar konjugali jappartjenu minn dawk l-obbligazzjonijiet li ghandhom natura mista peress illi hemm l-elementi tal-personali u tal-parafernali".*[11]

[10] John Debono vs. Carmela Debono illum Xerri, deċiza mill-Qorti tal-Appell, fil-24 ta' April 2015
[11] Walter Borg St John vs Christine Borg St John, Prim' Awla, deciza fil-31 ta' Mejju 2002.

Barra minn hekk intqal ukoll illi meta f'kuntratt ta' separazzjoni vinkolanti bejn il-partijiet, jkun hemm nieqes il-kunsens tat-tnejn għal varjazzjoni fil-klawsola li tirregola l-manteniment dan ikun ifisser li qed tintalab il-varjazzjoni ta' obbligazzjoni mista.

Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti llum huwa bbażat fuq dak provdut fl-Artikolu 21 u l-Artikolu 54 sub inċiż (9) tal-Kap 16 Liġijiet ta' Malta.

Tinnota wkoll li l-każ odjern si tratta manteniment pattwit bonarjament bejn il-partijiet u mhux manteniment ordnat b'sentenza ta' Qorti. Dan qed jingħad għaliex il-ġurisprudenza l-aktar reċenti tagħmel distinzjoni bejn il-wieħed u l-ieħor.

F'ambitu ta' separazzjoni personali *ex contractu*, kien hemm żmien fejn il-Qrati tagħna kienu ferm riġidi tant li ma kienux jippermettu ebda varjazzjoni, inkluż varjazzjonijiet fir-rigward ta' mantenimenti. Mat-trapass taż-żmien iżda din l-inflessibilita' naqset ftit, iżda ma ġietx eradikata għal kollox, u dan kif rifless mill-ġurisprudenza nostrana. Fil-fatt fil-kuntest ta' manteniment u d-duttrina legali tal-*pacta sunt servanda*, il-Qorti irritenew illi "*Huwa minnu li l-ligi civili taghna ma toqghodx tiddistingwi bejn manteniment impost jew ordnat mill-Qorti minn iehor pattwit bejn il-konjugi nfushom ghall-fini ta' varjazzjoni. Imma l-appellant messu jaf ukoll li fejn si tratta ta' ftehim per via ta' kuntratt ghandu wkoll jghodd fermament il-principju ta' pacta sunt servanda. Il-Qrati taghna, minkejja li fil-bidu jirrizulta li addottaw posizzjoni rigida, anzi wahda inflessibbli, meta gew rinfaccjati b'talbiet ghal revizjoni u/jew varjazzjoni ta' retti alimentari li jkunu gew miftehma bejn il-konjugi stess, mal-milja taz-zmien hassew in-necessita` li fl-interess ta' l-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet, kellhom jikkoncedu illi taht* ***certi cirkostanzi li gew ikkwalifikati bhala ta' natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta` ta' l-attur***[12] *li gabuh fl-impossibilita` li jhallas r-retta alimentari, allura f'kazi simili jista' jkun hemm lok ghal varjazzjoni. Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, din il-linja flessibbli fil-kazi propizji hija wahda ferm gusta mill-posizzjoni addottata*

[12] Enfasi mizjuda

*qabel. Effettivament, din il-Qorti jidhrilha wkoll li hemm, u mhux ma hemmx, differenza bejn manteniment ordnat mill-Qorti "ope legis" minn iehor miftiehem volontarjament mill-konjugi stess.*

*Fit-tieni kaz, wiehed ghandu jipprezumi li trattandosi hawn ta' ftehim ta' separazzjoni bonarja u mhux ko-atta jew forzata, li l-partijiet ftehmu fl-ahjar interess taghhom it-tnejn."*[13]

Dan ifisser illi meta si tratta separazzjoni *ex contractu*, it-talba għal varjazzjoni fil-kuntratt tiġi milqugħa biss jekk min jitlobha jipprova li safa fl-impossibilita', u mhux sempliċiment diffikulta', li jkompli jħallas l-ammont maqbul bejn il-partijiet. Ir-raġuni għal dan hija bbażata fuq il-prinċipju *ad impossibilia nemo tenetur*, li jifforma r-*ratio legis* tad-dispost tal-Artikolu 985 tal-Kap.16 li, *inter alia*, jistipula li ħwejjeġ impossibbli ma jistgħux ikunu oġġett ta' kuntratt.

Applikati dawn il-prinċipji għal każ odjern, allura l-obbligu jinkombi fuq l-attur li jipprova għas-sodisfazzjoni ta' din il-Qorti illi seħħew ċirkostanzi gravi u eċċezzjonali li fuqhom ma kellu l-ebda kontroll, u minħabba f'dawn iċ-ċirkostanzi ma jistax jesegwixxi l-obbligu ta' manteniment kif pattwit fil-kuntratt ta' separazzjoni.

Kif ġia ngħad aktar qabel meta l-Qorti tiġi rinfaċċjata b'talba bħal dik odjerna hija trid bilfors tagħmel eżerċizzju ben preċiż fejn fl-ewwel lok tindaga jekk r-reviżjoni mitluba tkunx ġiet ikkontemplata mill-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni. Jekk minn din il-parti ta' l-eżercizzju jirriżulta li l-partijiet ma kienux ikkontemplaw il-possibilita ta' varjazzjoni, l-Qorti trid imbagħad tgħaddi sabiex teżamina l-pożizzjoni legali fir-rigward tat-talbiet għal varjazzjoni ta' manteniment pattwit u dan fid-dawl ta' l-insenjamenti ġia msemmija.

Il-Qorti fil-każ tal-lum qrat b'attenzjoni l-kuntratt ta' separazzjoni ippubblikat fl-20 ta' Settembru, 2016, minn fejn jirriżulta l-ebda klawsola jew provvediment li jippermetti tibdil jew reviżjoni fl-ammont imħallas mill-attur bħala manteniment.

[13] Alfred Grech vs Pauline Grech, Qorti ta l-Appell, deciza fis-6 ta April, 2004.

In vista ta' dan il-Qorti trid tapplika l-prinċipju ġenerali l-*pacta sunt servanda,* iżda tapplika ukoll bħala deroga mill-istess il-prinċipju *ad impossibilia nemo tenetur* u għalhekk ser tgħaddi sabiex tgħarbel il-provi biex tiddetermina jekk inqalugħux ċirkostanzi gravi u eċċezzjonali indipendenti mill-volonta ta' l-attur li rrendewh f'impossibilita li jħallas il-manteniment fl-ammont pattwit.

Minn dak li jirriżulta mix-xhieda ta' l-attur innifsu, meta ġie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni l-ammont li kien jippreċepixxi kien ta' € 6000. Fil-kontro eżami li sarlu jgħid illi d-dħul tiegħu wara s-separazzjoni żdied għal € 7000. Il-Qorti, iżda fliet ukoll id-dokumenti maħruġa mis-soċjeta eCabs li magħha kien impjegat l-attur, kif ukoll ix-xhieda mogħtija minn Andrew Bezzina, għas-soċjeta eCabs. Kuntrarju għal dak li jgħid l-attur jirriżulta li meta beda jaħdem ta' xufier mas-soċjeta msemmija fl-20 ta' Marzu, 2018 l-attur kellu dħul gross ta' € 16,200 u wara sena żdied għal €16,800. Jirriżulta wkoll li kien l-attur stess illi rriżenja mix-xogħol fit-13 ta' Diċembru, 2020.

Il-Qorti tinnota li l-attur intavola l-kawża tiegħu fil-15 ta' Mejju, 2018, u ċioe xahrejn wara li kien beda jaħdem bħala xufier ma eCabs b'paga gross ta' € 16,200 fis-sena. Dan ifisser li kull xahar il-paga tiegħu gross kienet ta' ċirka € 1,350.

Fliet ukoll il-kuntratt ta' separazzjoni. Permezz ta' dan il-kuntratt il-partijiet kienu fthiemu li l-konvenuta tagħti s-somma lill-attur ta' € 50,000 f'daqqa u huwa obbliga ruħu li jħallas € 200 manteniment lill-konvenuta u € 50 manteniment għal kull wild. Jirriżulta li l-partijiet kellhom żewġt ulied u għalhekk il-manteniment għal ulied kien ta' € 100. Dan ifisser illi kull xahar il-konvenut ried iħallas € 300 in total bħala manteniment. Kien mifthiem ukoll li l-ispejjeż kollha inkonnessjoni ma l-ulied, kellha tħallashom il-mara ċioe l-konvenuta.

Il-partijiet kienu ftiehmu wkoll li malli xi ħadd mill-ulied ma jkunx intitolat għal manteniment, allura il-€ 50 fix-xahar jgħaddu għal fuq il-mara. Illum l-ulied huma it-tnejn maġġorenni u għalhekk il-€ 100 li kienu

qed jirċievu huma, għaddew għand il-konvenuta biex it-total tal-manteniment kull xahar illum huwa ta' € 300 kollu għall-konvenuta skond kif pattwit. Dan ifisser illi l-attur ma hux qed iħallas sold aktar minn dak illi kien miftiehem fl-2016 u dan minbarra l-fatt li l-ammont ta' € 300 llum il-ġurnata huwa ammont relattivament zgħir bħala manteniment.

L-attur jgħid li qed jkollu jħallas il-kera billi kellu jitlaq mid-dar matrimonjali, li kellu jmur jgħix Malta minħabba li ma setax jibqa jgħix Għawdex għar-raġunijiet elenkati fl-affidavit tiegħu. Il-Qorti iżda tqis li ir-raġunijiet kollha li ġab l-attur ma jikkwalifikawx bħala raġunijiet gravi li jinneċessitaw tibdil fl-ammont imħallas bħala manteniment, iżda huma konsegwenzi li wieħed irid jħabbat wiċċu magħhom meta relazzjoni tispiċċa u huma rejaltajiet li wieħed jista jipprevedihom u allura jaħseb għalihom bil-għaqal tiegħu.

L-istess jingħad għal fatt li llum l-attur jgħid li ma jistax jaħdem għax ħareġ bil-pensjonji ta' 61 sena. Il-Qorti tagħraf li r-raġuni li telaq mix-xogħol kienet deċiżjoni unika tiegħu. Huwa ma ġiex imkeċċi mix-xogħol iżda irriżenja għax ried hu. Tali ċirkostanza ġabha hu b'idejh u issa ma jistax jippretendi li din il-Qorti taċċetta t-teżi tiegħu li jinsab f'diffikulta li jħallas dak miftiehem.

Il-Qorti tqis illi t-tibdil fis-sitwazzjoni personali ta' l-attur jaħti biss għaliha l-attur li bl-aġir tiegħu ħoloq sitwazzjoni ta' diffikulta li jrid iġorr il-piż tagħha hu u ħadd ħliefu. L-attur kien ben konxju ta' l-obbligi li kien iffirma għalihom meta iffirma l-kuntratt ta' separazzjoni. Fil-każ odjern il-konvenuta ħallset lill-attur is-somma ta' € 50,000 – l-obbligu tagħha wettqitu. L-istess jinkombi fuq l-attur li jwettaq l-obbligu tiegħu li jħallas il-manteniment dovut.

Fid-dawl tas-suespost, u b'applikazzjoni tal-*pacta sunt servanda* u d-deroga minnha stess tal-prinċipju *ad impossibilia nemo tenetur*, il-Qorti tara illi fiċ-ċirkostanzi ma jeżistux raġunijiet validi sabiex il-manteniment kif pattwit bejn il-partijiet jiġi mnaqqas, bil-konsegwenza li l-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet jiġi varjat f'dan is-sens.

**Deċide.**

Għaldaqstant in vista tal-premess u għal motivi ġia espressi l-Qorti qed taqta u tiddeċidi din il-kawza billi filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, tiċħad it-talbiet ta' l-attur.

Bl-ispejjeż kollha a karigu ta' l-attur.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur